IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

13 ta' Settembru 2016
77/2016

## ĠUBLEW TAL-ĦNIENA GĦALL-ANZJANI

Għada, l-Erbgħa, 14 ta' Settembru 2016, ser issir ċelebrazzjoni għall-anzjani fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Ħniena. It-tema għal din iċ-ċelebrazzjoni hi 'Il-ferħ tal-Ħniena t'Alla'. L-attività ser issir fil-Katidral ta' San Pawl, l-Imdina.

Fid-9:00 a.m., l-anzjani ser jinġabru fi Pjazza San Pawl (quddiem il-Katidral tal-Imdina) biex jgħaddu mill-Bieb tal-Ħniena tal-Katidral. Fl-10:00 a.m. tibda Quddiesa ċċelebrata mill-Arċisqof Emeritu Mons. Pawlu Cremona.

L-attività qed tiġi organizzata mill-Arċidjoċesi ta' Malta bis-sehem tal-Kapitlu Metropolitan, il-Caritas, id-Direttur Djar tal-Anzjani, is-Segretarjat Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika u l-Għaqda Maltija Trasport tal-Morda f'Lourdes.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org